# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

Mejju 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **ħalli kull persuna, mill-produtturi l-kbar sal-konsumaturi ż-żgħar, timpenja ruħha biex ma jinħeliex ikel u kulħadd ikollu aċċess għal ikel bnin.**

**Ninġabar:**
Nidħol fil-preżenza ta' Alla u nitlob sabiex din it-talba tgħinni nsir iktar konxju dwar il-ħela tal-ikel bil-konsegwenzi kollha li dan iġib fuq l-umanità.

**Fatt ċkejken:**



Meta saru jafu li 40% tal-ikel jispiċċa biex jintrema, il-koppja Grant Baldwin u Jenny Rustemeyer, produtturi ta' dokumentarji viżivi, iddeċidew li jagħmlu esperiment. Il-mira tagħhom kienet li għal sitt xhur jgħixu billi jieklu ikel li jitwarrab għar-rimi. Kienu lesti li anke jħallsu għalih. Matul din l-esperjenza, issorprendew rwieħhom meta indunaw kemm hu faċli li wieħed isib ikel mormi li jkun għadu tajjeb, imma fl-istess ħin dan ma jkunx faċli takkwistah billi ssaqsi għalih u tixtrih. Grant u Jenny tgħallmu jbiddlu l-opinjonijiet tagħhom dwar x'se jieklu. Kultant iktar kien jaqbel li jieklu dak li jkun disponibbli milli dak li jkunu ppjanaw jew dak li kellhom aptit. Il-film li jġib l-isem, *Just Eat It: a food waste story*, juri xeni xokkanti ta' kwantitajiet kbar ta' ikel li għadu tajjeb mormi. Waqt intervisti ma' attivisti li jaħdmu kontra il-ħela tal-ikel, dawn ifissru li l-ħela hija riżultat ta' nuqqas ta' għarfien dwar id-dati tal-aħjar konsum min-naħa tal-konsumatur. Xi drabi l-ikel jintrema minħabba raġunijiet ekonomiċi jew forsi sempliċiment għax il-prodott ma jkunx perfett fid-dehra. Dan għaliex il-bejjiegħa tal-ikel jiddettaw bl-eżatt kif għandu tkun l-għamla, il-kulur u l-qies tal-prodotti naturali. Frott u ħaxix li ma jissodisfawx dawn il-kriterji stretti, jitwarrbu akkost tal-weġgħa ta' qalb il-bidwi li wara tant żmien, enerġija u flus li jkun investa, jispiċċa biex ma jsibx bejgħ tal-prodott li jkun kabbar b'tant għożża.

**Naħseb ftit:**
Jien wieħed/waħda minn dawk li jaħlu l-ikel? Din hija problema li nara f'pajjiżna wkoll? Kif nistgħu nevitaw ir-rimi billi fl-istess ħin ngħinu lil min jeħtieġ?

**Nitlob:**
Missier, aħfrilna meta ma napprezzawx biżżejjed ir-riżorsi li tagħtina n-natura. Għinna napprezzaw lil dawk li jaħdmu biex ikabbru l-frott u jrabbu l-bhejjem li nieklu. Għinna nsibu soluzzjonijiet prattiċi biex niżguraw li n-nies kollha tad-dinja jkollhom biżżejjed x'jieklu.

**Kliem ta' dawl:**
Jekk tevita l-ħela tal-ikel tispiċċa b'togħma tajba! Tiffranka l-flus, tkun qed tgħin biex jitnaqqas il-ġuħ fid-dinja fl-istess ħin tgħin sabiex tipproteġi l-pjaneta tagħna. *Tristram Stuart*

**X'nista' nagħmel:**
Ippjana l-ikliet bil-quddiem u meta tmur tixtri, ixtri biss dak li tassew teħtieġ. Sib ħin biex tara l-film [Just Eat It: A Food Waste Story (FULL MOVIE).]